VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,362, 30 ta' Diċembru, 2014
Taqsima B

A.L. 480 tal-2014

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2014 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2014 li jemendaw il-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, liema Ħames Skeda hi minn hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "l-Iskeda".

Kap. 406.

Jemenda l-partita 11 tat-Taqsima Wieħed tal-Iskeda.

2. Il-partita 11 tat-Taqsima Wieħed tal-Iskeda għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"*Trasport*

11. Il-provvista ta' -

(a) trasport provdut minn *scheduled bus service* li jkun jikkonsisti fi vjaġġi *scheduled* fuq rotot *scheduled*.

Biex ikun evitat kull dubju, "*scheduled bus service*" ifisser servizzi tat-trasport tal-passiġġieri pubbliċi minn operatur kuntrattat skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 68B tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri (L.S 499.56), jew xi regolamenti oħra li jissostitwixxu dawk ir-regolamenti;

(b) vjaġġi bil-baħar *scheduled* għall-ġarr tal-passiġġieri bejn gżira u oħra minn trasportaturi awtorizzati u servizzi oħra ta' trasport ta' passiġġieri bil-baħar *scheduled* li għandhom dak l-għarfien mill-Kummissarju.

Biex ikun evitat kull dubju, "vjaġġi bil-baħar *scheduled* għall-ġarr tal-passiġġieri bejn gżira u oħra" ifisser trasport ta' passiġġieri *scheduled* bejn il-gżejjer ta' Malta u Għawdex;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) servizzi regolari speċjali li jikkonsistu fil-ġarr ta' tfal tal-iskola u studenti lejn u minn stabbiliment edukattiv li għandu l-għarfien tal-Kummissarju;

(d) servizzi regolari speċjali li jikkonsistu fil-ġarr ta' ħaddiema lejn u mill-post tax-xogħol tagħhom.

Fil-paragrafi (ċ) u (d) il-kliem "servizzi regolari speċjali" għandu jkollhom it-tifsira mogħtija lilhom fir-Regolamenti dwar is-Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri jew f'xi regolamenti oħra li jissostitwixxu dawk ir-regolamenti.".